MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 1117/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**
**vs**

**Ciantar Paul detentur ta' l-karta ta' l-identita` numru 768956(M)**
**U Ciantar Moira detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 597364(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat il-15 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu il-bank rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat id-29 ta' Settembru, 1998, l-intimati Ciantar inghataw is-self hemm indikat;

2. Illi l-intimati fuq indikati baqghu debituri tal-bank rikorrenti u issa ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratt;

3. Illi l-bank rikorrenti qieghed jitlob l-awtorizzazzjoni biex jezegwixxi l-istess kuntratt kontra l-intimati fuq riferiti ghall-bilanc lilu dovut, u dan, *ai termini* tal-artikolu 258 tal-Kap 12;

4. Illi in vista tal-premess, il-bank rikorrenti, prevja kull dikjarazzjoni u provediment opportun, aderixxa din il-qorti biex din:

Tawtorizzah jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq riferit stante li ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratt fuq indikat u li d-dejn li ghadu ma giex saldat kollu *ai termini* tal-artikolu 258 tal-Kap 12;

Rat ir-risposta tal-intimat Paul Ciantar datata l-15 ta' Dicembru, 2011, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi r-rikors promotur hu nieqes mill-informazzjoni mehtiega, senjatament:

i. Illi l-bank rikorrenti ghandu jaghti l-hlasijiet maghmula mill-intimati fid-dettal biex ma jigix miksub dritt ta' esekuzzjoni fuq il-porzjon tad-debitu gia` saldat;

ii. Illi ghandu jispjega l-htiega tal-procedura odjerna;

Rat il-verbal datat l-24 ta' Jannar, 2012, fejn gie stabbilit li l-intimata Moira Ciantar qieghda fi stat ta' kontumacja, (ara fol 17);

Semghet lix-xhud prodott;

Ezaminat id-dokumenti kolha esebiti;

Rat in-nota tal-intimat Paul Ciantar datata l-5 t'April, 2013, (ara fol 44), li permezz taghha sintetikament iddikjara s-segwenti:

i. Illi qed jaqbel mal-proposta tal-bank rikorrenti li dan ma jipprocedix ghall-esekuzzjoni relattiva jekk fi zmien disa' (9) xhur mid-decizjoni fuq ir-rikors promotur l-intimati jkunu pprezentaw lill-bank *de quo* konvenju ghall-bejgh tal-fond hemm indikat;

ii. Illi l-att finali tat-trasferiment tal-istess fond isir fi zmien ta' mhux aktar minn sena mill-oghti tal-istess decizjoni;

iii. Illi l-intimat ser jammetti l-kawza kif dedotta kontra tieghu;

iv. Illi l-qorti tinkorpora dan il-ftehim fis-sentenza;

Rat in-nota tal-intimata kontumaci Moira Ciantar datata t-2 t'April, 2013, (ara fol 43), li sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi taqbel mal-kondizzjonijiet esposti mill-intimat Paul Ciantar kif precedentement espost fin-nota tieghu tal-5 t'April, 2013;

2. Illi ghalhekk, tammetti t-talba dedotta fir-rikors promotur guramentat;

Rat il-verbal tal-intimat Paul Ciantar datat l-10 t'April, 2013, li permezz tieghu ammetta t-talbiet dedotti fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti u bl-ammissjoni riskontrata fid-dawl tal-istess ftehim, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet tal-bank rikorrenti u konsegwentement:

1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv meritu ta' din il-procedura u fuq riferit, senjatament il-kuntratt ta' self in atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat id-29 ta' Settembru, 1998, stante li ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratt;

2. Illi pero` in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-kontendenti bank rikorrenti u intimat Paul Ciantar, kif ukoll in vista tal-qbil ma' l-istess kif espost mill-intimata kontumaci Moira Ciantar, l-esekuzzjoni tal-istess sentenza hi cirkoskritta bil-modalita` pattwita bejn il-kontendenti a fol 44 tal-process u kif sintetikament esposta aktar qabel;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet li eventwalment jistghu jkunu dovuti skont il-ligi kontra l-intimati.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------